**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1028/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2021 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1356/2021 fl-ismijiet:**

**Rita Law**

**vs.**

**John Grech**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa 19 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent is-sekwestrat John Grech ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed iressaq dan ir-rikors sabiex umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka dan l-att kawtelatorju*

*maħruġ fil-konfront tiegħu, u dan stante li fl-umli fehma tiegħu ċ-ċirkostanzi tal-każ jimmeritaw illi l-mandat kawtelatorju de quo jiġi revokat u dan għar-raġunijiet premessi kif ser jiġi ulterjorment spjegat fejn hemm ai termini tal-Artikolu 836(1): (b) Nuqqas ta' ħtieġa tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju a tenur tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn l-anqas biss hemm ness prima facie bejn il-pretensjonijiet tas-sekwestrant u l-esponent personalment; (ċ) Hemm mezzi oħra li jistgħu jikkawtelaw għal drittijiet prima facie (d) Huwa ċar li in vista ta' dak kollu suespost, mhuwiex raġonevoli u/jew ġustifikabbli li s-sekwestru kawtelatorju jibqa' fis-seħħ fil-konfront tal-esponent, u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(f). Illi tant mhuwiex raġonevoli u/jew ġustifikabbli li s-sekwestru kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, li jissussistu wkoll diversi ċirkostanzi aggravanti li abbażi tagħhom din il-Qorti tista' timponi penali fuq is-sekwestrant. Illi għal dawn il-motivi dan il-mandat kawtelatorju għandu jiġi revokat.*

*Tant l-esponenti jissottometti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Rat id-Digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimata Rita Law li ġiet mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li tixtieq tippreżenta.

Rat ir-Risposta tal-intimata s-sekwestranta Rita Law ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2021 fejn oġġezzjonat għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1356/2021 fl-ismijiet **Rita Law vs. John Grech**.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- ir-rikorrent Grech u l-intimata Law għandhom disputa dwar porzjon art li tinsab il-Fgura;

- ir-rikorrent jilmenta dwar is-segwenti:

    - li qed tinqabad il-pensjoni tiegħu;
    - waħda mill-ħtiġijiet għal ħruġ tal-mandat ma għadhiex teżisti;
    - hemm garanzija xierqa oħra u
    - mhux ġustifikabbli/raġonevoli li l-mandat jibqa' fis-seħħ;

- skont ir-rikorrent dan il-mandat qed jaffettwa kemm in-negozju tiegħu kif ukoll il-familjari tiegħu li jiddependu mill-qligħ tiegħu.

Da parte tagħha, l-intimata Law tallega li hija s-sid tal-porzjon art imsemmija hawn fuq u li r-rikorrent ma għandu l-ebda raġun jivvanta pretensjonijiet kwalsiasi fuq il-proprjeta' tagħha. Minbarra dan l-intimata tilmenta li minħabba r-Rikors Ġuramentat bin-Numru 627/2021 fl-ismijiet **John Grech vs. Rita Law**, Grech qed jivvanta drittijiet reali fuq parti mill-proprjeta' tagħha u b'riżultat ta' dan, huwa qed jimmolestaha fi ħwejjiġha.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi, qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur fejn intalab li jiġi revokat il-Mandat Kawtelatorju *de quo*, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel għandha tagħmel numru ta' konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dak li ngħad mir-rikorrent Grech meta fir-Rikors qal is-segwenti:

*"Illi l-Artikolu 381(1)(b) tal-Kap. 12 jipprovdi li ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Soċjali jew pensjoni jew allowance oħra ta' persuna li tinħarġilha pensjoni mingħand il-Gvern. Ma għandu jkun hemm ebda ekwivoku fil-qari ta' dan l-artikolu li tali pensjoni jeħtieġ li tkun temerġi jew mill-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali jew mogħtija mill-Gvern u li l-Gvern huwa dak tar-Repubblika ta' Malta. Illi l-konvenut jibbenefika minn tale pensjoni tal-eta' u għalhekk qiegħed jitlob li dawn il-benefiċċji jiġu rrilaxxati".*

Illi r-rikorrent jitlob li mill-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju tiġi eżentata l-pensjoni tiegħu *ai termini* ta' l-Artikolu 381(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn naħa tagħha, l-intimata ssostni li r-rikorrent għandu dħul finanzjarju minn attivita' oħra, speċifikament minn Cottoner Properties Letting.

Illi wara li l-Qorti rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni tinnota li fost is-sekwestratarji msemmija fil-mandat ma hemmx indikat id-Dipartiment responsabbli għal ħlas tal-pensjonijiet. Għaldaqstant din il-Qorti hija propensa taħseb li, jekk il-pensjoni qiegħda tinqabad, dan qed iseħħ minħabba li qed tiġi depożitata direttament f'kont bankarju. Meta jiġri hekk u l-flus tal-pensjoni jitħallsu ġo kont bankarju b'mod illi jitħalltu ma' flejjes oħra huma jitilfu n-natura tagħhom ta' pensjoni.

Illi dan ir-raġunament jinsab rifless wkoll fil-provvediment mogħti fid-19 ta' Ottubru 2021 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1221/2021 fl-ismijiet HSBC Malta plc vs. Joseph Dimech et** (Rikors Numru 913/2021), fejn il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "20. Regola oħra importanti li wieħed irid iżomm f'moħħu hija li jekk il-flejjes li jkunu ġejjin mill-pensjoni jew mill-benefiċċju soċjali jispiċċaw jitħalltu ma' flejjes oħra f'kont bankarju li jkollu d-debitur, allura hemm il-possibilita' li dawn jitilfu l-karattru oriġinali tagħhom ta' pensjoni jew benefiċċju għaliex dawn jidħlu jagħmlu parti mill-assi li jkun hemm f'dak il-kont u b'hekk wieħed ma jkunx jista' jagħraf aktar liema huma dawk il-flejjes li ġejjin mill-

pensjoni u liema huma dawk il-flejjes li jkunu ġew imfaddla mill-esekutat (ara ***Bank of Valletta plc vs. Emanuel Żammit et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2017 u ***Bank of Valletta plc vs. Edward Pace Balzan et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2017). Darba li jsir id-depożitu tal-pensjoni fil-kont bankarju, dak id-depożitu li jkun ġej minn pensjoni jew benefiċċju soċjali jista' jitlef in-natura tiegħu ta' pensjoni jew benefiċċju soċjali għal dak li jirrigwarda provenjenza, u jsir depożitu bankarju;

21. Dan kollu jinsab imfisser b'mod tajjeb ħafna mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Tabib Prinċipali tal-Gvern vs. Hazel Pannel*** mogħtija fis-27 ta' Marzu 2009,

> *"L-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru kkolpixxa f'dan il-każ il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depożitati fih u, allura, strettament l-Artikolu 381 tal-liġi ma jistax lanqas ikollu applikabilita'. Li kieku kellu jiġi raġunat mod ieħor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jiġi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depożiti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes oħra għal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan ċertament mhux dak li tgħid jew trid il-liġi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depożiti bankarji, hu x'inhu s-sors tagħhom"."*

Għaldaqstant, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq u fid-dawl tal-ġurisprudenza kwotata, il-Qorti ser tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex mill-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju tiġi eżentata l-pensjoni tiegħu *ai termini* ta' l-Artikolu 381(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur fejn qed jintalab li jiġi revokat il-Mandat Kawtelatorju *de quo*.

Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta
(Li waħda mill-ħtiġiet għal ħruġ tal-mandat ma għadhiex teżisti):
Illi dan l-artikolu jeħtieġ li waħda jew iktar mil-ħtiġiet li kienu jeżistu meta nħareġ il-Mandat ta' Sekwestru ma għadhiex teżisti. Dan ir-raġunament huwa wkoll rifless fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Rikors Numru 336/2005), fejn ingħad hekk:

> "Fi kliem dik id-dispożizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ. F'dan il-każ, bl-ebda mod ma ntwera li kien hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi. Għall-kuntrarju, l-argument tar-rikorrent jimplika li qatt ma messu nħareġ il-Mandat fuq il-kont fejn ġiet sekwestrata l-pensjoni tiegħu."

Illi l-uniku argument imressaq mir-rikorrent Grech sabiex l-argument tiegħu in eżami huwa li *"l-anqas biss hemm ness prima facie bejn il-pretensjonijiet tas-sekwestrant u l-esponent personalment"*. Minn analiżi tal-argumenti mressqa mir-rikorrent, din il-Qorti ssib li ma tressaq l-ebda argument fejn ġie ppruvat li kien hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi bejn dak li kien hemm meta nħareġ il-mandat u ċ-ċirkostanzi li hemm issa li qed tintalab ir-revoka tiegħu. Għaldaqstant sa fejn it-talba tar-rikorrent hija bbażata fuq Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda.

Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta
(Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju):
Illi dan l-ilment huwa msejjes fuq Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Sabiex isostni l-argument tiegħu, ir-rikorrent jgħid hekk fir-Rikors:

> "Illi oltre dan, din il-Qorti għandha ben tapprezza li anke li kieku għall-grazzja tal-argument, it-talbiet tas-sekwestrant kif proposti fir-rikors ġuramentat tiegħu jiġu eventwalment milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti kontra l-esponent personalment żgur u ċertament li ma hemm l-ebda riskju li s-sekwestrant ma jitħallasx mill-esponent u/jew li ma jsibx assi fuqiex jeżegwixxi s-sentenza.
>
> Illi l-esponent u l-assi tiegħu huma ben magħrufa lil kulħadd, u l-investimenti fi proprjeta' immobbli tiegħu huma evidenti."

Illi l-Qorti tissorprendi ruħha minn dan ir-raġunament u tħossha kemmxejn perplessa minħabba li ċertament dan mhux il-mod kif għandha tinġieb prova ta' garanzija neċessarja xierqa! Huwa l-obbligu tar-rikorrent li jipprova li hemm garanzija ċara. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjamenti tal-Qrati fil-kuntest ta' garanzija xierqa u tirreferi, fost l-oħrajn, għall-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1595/2012 fl-ismijiet Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited (C-53626)** (Rikors Numru 67/2013) deċiża fl-14 ta' Awwissu 2013, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[1]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant.[2]"

Illi f'dan il-każ ir-rikorrent Grech għażel li jibbaża l-argument tiegħu fuq l-allegata solidita' finanzjarja tiegħu. Biss pero' sabiex jipprova dan huwa kellu jressaq prova tal-assi tiegħu. Kif qalet l-intimata Law fir-Risposta tagħha, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova.

---

[1] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et**.

[2] Ara P.A. TM 20.2.2003 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Ranger Company Ltd. vs. Euro Imports Ltd**.

Illi b'hekk isegwi li anke fejn it-talba tar-rikorrent hija bbażata fuq Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda wkoll.

Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli):
Illi dan l-argument jinkwadra ruħu taħt Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Sabiex ir-rikorrent jispjega l-argument tiegħu, huwa jorbtu mar-raġunijiet l-oħra imressqa fir-Rikors tiegħu.

Illi Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 ġie imfisser fil-provvediment li diġa sar riferenza għalih aktar-il fuq fl-ismijiet **Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited** (Rikors Numru 67/2013), fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat**, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ.[3] Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."

Illi ssir referenza wkoll għall-provvediment mogħti fit-28 ta' Ġunju 2021 minn din il-Qorti hekk diversament preseduta fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 783/2021 fl-ismijiet Roger Zammit vs. Frank Salt Real Estate Limited** (Rikors Numru 542/2021), fejn ingħad is-segwenti:

> "25. Dak li jgħodd biex tista' titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi

[3] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et**.

ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' għal kollox jew f'parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmi **Artikolu 836(1)(f)**, liema kliem jagħtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ (***Ivan John Debono vs. Antoine Vella,*** Appell Superjuri tat-12 ta' Jannar, 2021)."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fir-rigward ta' Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li ma nġabitx prova li mill-ħruġ tal-mandat sa issa nbidlet xi ċirkostanza li minħabba fiha m'huwiex xieraq li l-mandat jinżamm u b'hekk ser tiġi miċħuda wkoll it-talba tar-rikorrent ibbażata *ai termini* ta' Artikolu 836(1)(f).

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward ta' dak li ngħad fir-Rikors promutur meta ngħad li jissussistu diversi ċirkostanzi aggravanti li abbażi tagħhom din il-Qorti tista' timponi penali fuq l-intimata sekwestranta, il-Qorti, filwaqt li tinnota li m'hemmx talba speċifika sabiex jiġu mposti l-penali taħt Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tinnota wkoll li ma jeżistux ir-rekwiżiti sabiex jiġu imposti l-imsemmija penali.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent eżekutat is-sekwestrat John Grech hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrent eżekutat John Grech.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**